MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 863/1999/1

St. George's Bay Hotel Limited

Vs

Imnaria Ventures Limited u Imnaria
Voyages Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' April 1999 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mitejn u hamsa u tmenin lira u wiehed u erbghin centezimu (LM3285.41) liema somma tirrapresenta ammont dovut in konnessjoni ma alloggjar ta' turisti fil-Lukanda Villa Roas, gewwa San Giljan u dan matul is-sajf li ghadda, inkluzi servizzi ohra relatati skond rendikont Dok A; illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas anke permezz ta' ittra ufficjali, hija baqghet inadempjenti; talbet li din l-Qorti:-

1. tikkundannahom solidalment jew mod iehor jhallsu lill-attur s-somma komplessiva ta' LM3285.41 dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Jannar, 1999 kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tas-socjetajiet konvenuti presentata fit-13 ta' Mejju, 1999 li permezz taghha eccepew illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni, jekk stess huwa dovut, ma huwiex dovut mis-socjetajiet esponenti billi dawn ghamlu biss ix-xoghol ta' *reservation agents* ghan-nom ta' socjeta' jew socjetajiet esteri, li huma proprjament il-legittimi kontraditturi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 ta' Novembru 1999 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet imhollija quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-14 ta' April 2000 sabiex tig trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet maghmula.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici qed tghid li hija tinsab kreditur ta' zewg socjetajiet in konnessjoni ma alloggar ta' turisti fil-lukanda taghha u dana fis-somma ta' tlett elef mitejn hamsa u tmein lira maltin u wiehed u erbghin centezimu (LM3285.41). Inoltre qed jigi allegat li dawn iz-zewg kumpaniji konvenuti huma responsabbli b'mod solidali

ghal dan l-ammont fil-konfront tas-socjeta' attrici. Is-socjetajiet konvenuti qed joggezzjonaw ghat-talba attrici, mhux inkwantu l-ammont reklamat mhux dovut izda pjuttost billi jghidu li huma ma humiex il-legittimi kontraditturi stante li fin-negozju in kwistjoni kienu qed jagixxu bhala '*reservation agents*' ghan-nom ta' socjetajiet esteri.

Qabel xejn ghandu jinghad li t-talba tas-solidarjeta' taz-zewg socjetajiet konvenuti kif qed jintalab mis-socjeta' attrici ma tantx tidher bazata fuq xi argument legali. Bhala principju huwa stabbilit li ma hemmx solidarjeta' jekk ma tkunx iddikjarata mil-ligi jew miftiehma espressament bejn il-partijiet. Mill-provi akkwiziti ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti dwar tali solidarjeta'. Anzi ghall-kuntrarju s-socjetajiet konvenuti qed jghidu li huma lanqas biss ma huma debituri. Inoltre s-sitwazzjoni li avverat ruhha waqt il-gbir tal-provi ma jidhirx li tista' tinkwadra ruhha f'xi wahda mic-cirkostanzi meta l-ligi trid li zewg debituri jew izjed jkun mizmuma responsabbli solidalment fil-konfront tal-kreditur. B'dana kollu minhabba c-cirkostanzi hawn taht deskritti jidher li jkun gust u xieraq li, jekk jirrizulta xi ammont dovut lis-socjeta' attrici, din il-Qorti tghaddi biex tikkundanna liz-zewg socjetajiet ghal hlas, anke jekk mhux b'mod solidali, u dana minhabba l-apparenti maneggi li gew ezercitati fir-rigward ta' dan in-negozju.

Fuq il-meritu jidher li hemm nuqqas ta' ftehim dwar ezattament x'kienu l-arrangamenti bejn is-socjeta' attrici u dawk konvenuti. Fl-ewwel lok jigi rilevat li d-debiti gew kuntrattati minn turisti ta' zewg nazzjonalitajiet differenti. Dawk russi u dawk taljani b'mod li hemm zewg debiti distinti. Izda filwaqt li s-socjeta' attrici ssostni li fir-rigward ta' dawn iz-zewg debiti hija taf biss lis-socjetajiet konvenuti, dawn da parti taghhom jghidu li kienu ghal kollox estranei ghan-negozjati anke ghal dak li jikkoncerna rati li kienu ser jigu mitluba ghall-akkomodazzjoni u li kienu biss qed jassistu socjetajiet ohra esteri li dahlu fi trattativi diretti mas-socjeta' attrici ghall-akkomodazzjoni tal-klienti taghhom. Problema ohra li jidher li ghandha tigi indirizzata hija dik sollevata minn Joseph Abela, mressaq

mill-konvenuti, li jghid li huwa ma kellu ebda konnessjoni mas-socjeta' Imnarja Voyages Ltd billi din kienet socjeta' Russa iffurmata minn persuni ta' nazzjonalita' russa ta' konoxxenza tieghu u li l-unika konnessjoni li kellu maghha kien li din kienet tiggestixxi n-negozju taghha minn gewwa karma fl-ufficcju tieghu.

Dwar l-allegazzjoni ta' Joseph Abela ftit li xejn tressqu provi u lanqas ma ngiebu xi certifikati ufficjali biex juru jekk din il-kumpanija kienetx verament registrata hawn Malta jew le u min, f'kaz affermattiv, kienu s-socji u diretturi. Infatti l-istess Alfred Galea rappresentant tas-socjeta' attrici juri certa titubanza dwar jekk din l-hekk imsejha socjeta' ghandhiex personalita' guridika jew le meta jghid li hu sab li din kienet biss "trade name" u mhux kumpanija. Izda kuntrarjament ghal dan hemm diversi provi dokumentarji li juru li Imnaria Voyage (u mhux Voyages) Ltd kellha ghal anqas is-sembjanza ta' kumpanija. Dan jidher car mid-diversi "Accomodation Vouchers" li harget l-istess socjeta' ghall-provvista ta' akkomodazzjoni tal-klienti taghha fejn ukoll jirrizulta li "Joseph Abela" huwa indikat bhala "Director". Il-fatt li dawn il-vouchers juru isem din is-*socjeta'* bl-abbreviattiv "LTD" wara l-klien "Imnaria Voyage" kif ukoll l-fatt li hemm indikat fuq l-istess dokument l-isem tad-Direttur, nomenklatura generalment attribuwita lil dik il-persuna li jkollha t-tmexxija ta' socjeta' debitament registrata, huwa indikattiv li din is-socjeta' tezisti.

Issa qed jinghad minn Joseph Abela, li halef id-dikjarazzjoni annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma din is-socjeta' billi din kienet tappartjeni lil xi konoxxenzi russi tieghu. Biss l-istess fatt li l-"Accomodation Vouchers" fuq imsemmija jindikaw lilu bhala "Director" ta' din is-socjeta' jitfa dubbju serju fuq din l-allegazzjoni. Barra minn hekk jigi osservat li fin-nota ta' eccezzjonijiet fuq imsemmija l-istess Joseph Abela ipprezenta din in-nota ghan-nom u in rappresentanza u fil-kapacita' tieghu ta' direttur taz-zewg socjetajiet konvenuti. Dan Abela fil-fatt fl-imsemmija nota lanqas biss accenna ghal dak li qal sussegwentement waqt ix-xhieda tieghu u cioe li din tappartjeni lill-terzi. Qal biss li din ma ghandhiex

taghti. Jekk verament dan Joseph Abela ma kienx konness ma din is-socjeta’ xi dritt kellu li jitkellem ghaliha u jichad dak li kien qed jigi mitlub mill-attur u dan meta sussegwentement waqt ix-xhieda tieghu donnu jsostni li din is-socjeta’ hija verament id-debitur (ghalmenu in parti) ta’ l-ammont reklamat mill-attur. Din ix-xhieda ghalhekk ukoll mhiex kredibbli u jidher li dan Joseph Abela verament kien u ghadu interessat fis-socjeta’ Imnaria Voyage Ltd.

Illi kif gja inghad l-pretensjoni attrici hija relatata ma negozju li sar ma l-alloggar ta’ turisti taljani kif ukoll ma negozju relatat ma l-alloggar ta’ turisti russi. Mid-dokument AGX ezebit mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2002 jirrizulta li s-socjeta’ attrici ddebitat lis-socjeta’ OTA International, u cioe dik is-socjeta’ li kienet tibghat turisti ta’ nazzjonalita’ taljana bis-somma bilancjali ta’ LM1,163.05 filwaqt li lis-socjeta’ Imnaria Voyage Ltd giet iddebitata bis-somma ta’ LM2,122.36. Isegwi li dawn iz-zewg krediti ghandhom jigu kunsidrati separatament.

**Turizmu mill-Italia.**

Alfred Galea ghas-socjeta’ attrici jghid li kien avvicinah Joseph Abela in konnessjoni mat-turizmu taljan biss huwa jghid li ma ried jkollu x’jaqsam xejn mat-taljani billi ma setghax jafdahom u ghalhekk meta bdew gejjin dawn it-turisti dawn kienu akkont ta’ Abela ossia s-socjeta’ minnu rappresentata. Abela jsostni li huwa kien jaf persuna taljana li riedet tinnegozja fil-kamp turistiku malti. Din il-persuna avvicinatu pero’ huwa ma riedx jidhol ghal dan it-tip ta’ negozju billi kien zarma mill-hotels u kien qed jaghmel xoghol iehor. Izda l-istess Abela jghid li huwa kien dispost li jghin lil dan it-taljan u anke jhallas ghall-akkomodazzjoni kemm-il darba dan jibghatlu konsenja ta’ imbejjet “pregjati” bhala rikompensa. Dan jghid izda li dawn l-imbejjet qatt ma waslu u ghalhekk ma haxx li kellu jonora l-parti tieghu tal-ftehim.

Mill-kumpless tal-provi jidher li ma kienx hemm ebda relazzjoni diretta bejn s-socjeta’ attrici u s-socjetajiet konvenuti fuq dan in-negozju u li kull arrangament li kien

hemm bejn Abela u t-taljan kien wiehed purament personali u intern u ma jikkoncernax lill-attur. Tant hu hekk li d-dokumenti konnessi mal-“booking” u akkomodazzjoni tal-persuni in kwistjoni kien isir direttament mis-socjeta’ OTA International Travel Services S.r.l u jekk tissemma l-Imnaria Voyage Ltd kienet biss bhala “handling agent” li kienet tiehu hsieb l-“incoming tourist” taljan ghan-nom tal-principal taghha. Il-pretensjoni ghal dan il-kreditu ma tistax ghalhekk tigi milqugha fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti billi s-socjeta’ attrici minn dejjem kienet taf jew kien messha taf ma min kienet qed titratta u ma tistax issa, li ma thallsitx mis-socjeta’ taljana, iddur kontra s-socjetajiet konvenuti.

**Turizmu Russu.**

Is-sitwazzjoni fir-rigward tat-turisti li gejjin mir-Russia tidher li hi kemm xejn differenti minn dik tat-turisti taljani. Kif gja inghad jirrizulta li Joseph Abela kien direttament involut fis-socjeta’ Imnaria Voyage Ltd li kienet tibghat lit-turisti Russi. Din is-socjeta’ kienet taghmel il-prenotazzjonijiet u l-arrangjamenti kollha ghall-akkomodazzjoni taghhom fil-lukanda tas-socjeta’ attrici. Infatti l-“Accomodation Vouchers” li permezz taghhom hemm it-talba specifika “Please provide accomodation to ….” huma kollha intestati Imnaria Voyage Ltd u ma hemm ebda indikazzjoni ta’ xi parti ohra interessata. Dawn il-vouchers jindikaw lil Joseph Abela bhala direttur u huma iffirmati, fil-maggor parti taghhom minn iben l-istess Joseph Abela. Fl-ahharnett dwar il-pagament dawn il-vouchers jghidu espressament hekk: “*Payment terms: Accomodation HB Payable by Imnaria Ventures Ltd. within 30 days.”* Issa huwa minnu li din Imnaria Ventures Ltd hija socjeta’ differenti minn dik maghrufa bhala Imnaria Voyage Ltd b’dana kollu, kif xhed l-istess Alfred Galea, l-ismijiet taz-zewg kumpaniji kienu jintuzaw indiskriminatament. Dan il-fatt huwa ukoll konfermat mix-xhieda ta’ Joseph Abela meta qal li gieli uzaw isem ta’ kumpanija u gieli uzaw ohra. Dan pero’ jghid, b’mod mhu xejn konvincenti, li dan kien isir kontra l-ordni tieghu billi kien hemm aspetti ta’ natura fiskali li kienu jipprojbixxu negozju mis-socjeta’ Imnaria Ventures Ltd.

Minn dan ghalhekk ghandu jirrizulta li l-ammont bilancjali ta’ LM2,122.36 huwa verament dovut mis-socjetajiet konvenuti lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ l-alloggar tat-turisti Russi li l-akkomodazzjoni taghhom giet ordnata mis-socjeta’ Imnaria Voyage Ltd u l-obbligu ghall-hlas ghal dan is-servizz provdut mis-socjeta’ attrici kien ittiehed mis-socjeta’ l-ohra konvenuta. B’mod li fil-konfront ta’ l-attur iz-zewg socjetajiet huma responsabbli u kien ghalhekk li t-talba attrici saret kif saret. Billi ma huwiex possibbli li dan l-ammont jigi spartit b’mod logiku bejn iz-zewg socjetajiet jkun xieraq li dan jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti b’mod li kull socjeta’ tigi kkundannata thallas nofs dan l-ammont.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti nkwantu dawn jikkoncernaw parti mill-kreditu tas-socjeta’ attrici u tilqahhom fir-rigward tar-rimanenti parti mill-kreditu kif fuq inghad, tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti kull wahda minnhom jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf wiehed u sittin lira maltin u tmintax-il centezimu (LM1061.18).
L-ispejjes fic-cirkostanzi jinqasmu kwantu ghall-terz fuq is-socjeta’ attrici u zewg terzi fuq s-socjetajiet konvenuti fi kwoti ugwali bejniethom.

Onor Imhallef Albert J. Magri